42006D0280

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

tas-6 ta' April 2006

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2006/280/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7, flimkien ma' l-Artikolu 47 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u bħala konsegwenza tar-riżenja tas-Sur Paolo MENGOZZI, għandu jiġi maħtur imħallef fil-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu li fadal tal-mandat tas-Sur Paolo MENGOZZI, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2007,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI huwa b'dan maħtur imħallef fil-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tiegħu sal-31 ta' Awwissu 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' April 2006.

Il-President
G. WOSCHNAGG